MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 538/2007

**Maltacom plc u b`ordni tal-Qorti b`digriet tal-21 ta` Jannar, 2009, l-isem 'Maltacom plc' sar `Go plc'**

**vs**

**Domenic Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 2472/98FDP) giet deciza minn din il-Qorti fl-8 ta` Jannar, 1999, fl-istess kawza 'l-konvenut kien gie ikkundannat jhallas lill-Maltacom plc is-somma ta` elf, mija, tnejn u erbghin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu

(Lm1,142.27), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 312941, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma ‘l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b`hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mija, disgha u sittin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm169.50) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll seba` mija, sitta u hamsin liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm756.27), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-8 ta` Jannar, 1999, id-data tas-sentenza, sal-25 ta` April, 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta` elfejn, tmienja u sittin Liri Maltin u erba` centezmi (Lm2,068.04) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta` Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat a tenur tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-istess intimat baqa` ma pprezenta ebda risposta u lanqas deher ghall-kawza.

Semghet lix-xhud Dr. Ingrid Zammit Young.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta` Jannar, 2009 li permezz tieghu il-Qorti awtorizzat li l-atti kollha tal-kawza jirriflettu l-bdil tal-isem tas-socjeta` rikorrenti ghal Go plc.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors promotur u tawtorizza s-socjeta` rikorrenti tesegwixxi s-sentenza kif mitlub.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------